# HMS GLORIOUS L-ISTORJA – IT-TRAĠEDJA (2)



minn RONALD BUGEJA

» ikompli mill-ħarġa tal-1 ta' Novembru

Il-Home Fleet kienet assenjata biex tagħmel din il-missjoni u ġiet imsejħa task force ta' 18,000 suldat u flotta kbira ta' bastimenti li kellhom iġibu lura dak li setgħu minn Norveġja. Fost dawn armamenti, ajruplani, provvisti u suldati. Task force ta' bastimenti li kellhom ikunu biżżejjed biex isir din l-operazzjoni ta' evakwazzjoni minn Norveġja kien l-HMSS Glorious Kaptan Guy D'Oyly – Hughes, fuq Destroyer H.M.S. Ardent il-Kaptan John Frederick Barker u d-Destroyer H.M.S. Acasta il-Kaptan Charles Glasfurd. Magħhom ingħaqdu l-HMS Ark Royal, HMS Eagle, HMS Diana, HMS Glasgow u ħafna bastimenti biex jgħattu protezzjoni lill-air craft carriers dan għax huma kienu qegħdin jippruvaw isalvaw kemm jista' jkun ajruplani u armamenti li kienu qegħdin in-Norveġja biex iġibuhom lura lejn l-Ingilterra. Il-missjoni kellha tgħaddi minn dak li ġie imsejaħ bħala Artic Circle żona enormi minn fejn kellhom jgħaddu l-bastimenti Ingliżi l'hemm u lura lejn Scapa Flow.

Sakemm beda jsir dan kollu il-Kaptan Guy D'Oyly Hughes kellu diżgwid mal-Flying Commander John Heat. Minħabba dan id-diżgwid li inqala' b'insistenza tal-Kaptan D'Oyly-Hughes, qabel salpaw minn Scapa Flow dan ġie ordnat biex iħalli lill-H.M.S. Glorious u jibqa' fi Scapa Flow għax il-kaptan ried jgħaddi lil John, Court Marshall.

Għalhekk il-Flying Commander Heath tilef li jagħti s-servizz tiegħu fuq il-bastiment għal din il-missjoni tant importanti. Madanakollu b'xorti tajba mnalla kien dan il-konflitt għax salvalu ħajtu!

Dan għax għalkemm il-Kaptan Hughes kien bniedem li s-servizz tiegħu kien kollu b'unuri kbar tant li kien wieħed mill-eroj tal-Ewwel Gwerra Dinjija fejn jidħlu l-bastimenti tal-gwerra peress li hu kien ukoll Kaptan tas-sottomarin kien kaptan ta' fama kbira fin-Navy madanakollu huwa ma kellu l-ebda idea ta' kif titqassam issistema militari fl-ajru! Tant hu hekk, illi Hughes ma kienx jemmen li l-ajruplani kienu jagħtu kenn u protezzjoni lill-bastimenti minħabba li mill-ajru l-ajruplani setgħu jsegwu kull moviment tal-bastimenti jew jekk l-għadu kienx viċin tagħhom jew le.

Apparti minn hekk, Heath kien qal li għalkemm l-HMS Glorious huwa bastiment ta' preġju kbir Heath sostna li ma kienx preparat biżżejjed għal missjoni bħal din u li kellu bżonn flotta ta' l-ajru sewwa biex issostni operazzjoni bħal din! Għalhekk Heath tħalla l-art u kien ordnat jibqa' arrestat sa mal-Kaptan jiġi lura.

Guy D'Oyly Hughes kien bniedem arroganti u supperv dan kollu jixhed il-fatti ta' kif ħafna provi tħallew fil-fajl li kien issigillat taħt in-numru M/05368/40 li kien ġie ssigillat mill-Parlament Ingliż u seta' jinfetaħ biss mitt sena wara ovvjament biex ma jinkixfux il-frejjeġ li kien kapaċi jagħmel Churchill u kemm nies mietu minħabba l-ostinità tiegħu.

Il-Kmandant John Heath kien laħaq għamel intervista wara snin ħalqu magħluq fuq dak li gara f'diżgwid mal-Kaptan qabel ma ħalla din id-dinja 1983. John Heath ma kienx l-unika wieħed li xxhieda tiegħu tikkonferma il-karattru ta' Guy, miegħu kien hemm il-Kmandant Lt. Paul Slessor, il-Kmandant Le Gegt, SQ LDR Kenneth Cross dawn kollha kellhom kliem iebes fil-konfront tal-kaptan Guy D'Oyly Hughes.

Wara dan kollu, Winston Churchill kellu pjan ieħor li kien tant sigriet li lanqas it-Task Force ma kienet taf bil-manuvri li kien ordnat jagħmel HMS Devonshire! Dan tal-aħħar kien ġie ordnat li kellu jgħabbi fuqu id-deheb kollu tan-Norveġja, bil-familja Rjali, il-membri kollha parlamentari u il-familji tagħhom kollha u is-salpa lejn Scapa Flow waħdu f'silenzju assolut!

Il-pożizzjoni li kellu jbaħħar fuqha l-HMS Devonshire kienet ftit mili il-bogħod mill-Artic Circle minn fejn kellhom jgħaddu il-bastimenti kollha fit-triqhom lura lejn Scapa Flow. Kienet tidher li se tkun missjoni ta' suċċess u li l-Ingliżi kellhom iwettqu din il-missjoni mingħajr telf u kollox kien jidher ħarir!

Minħabba li l-Ġermaniżi kienu għamlu avvanz sewwa u l-attakki mill-ajru kienu qed iħallu riżultati tajbin il-bastimenti Ingliżi kienu bdew jirtiraw minn mal-kosta Norveġiża u l-aircraft carriers diġà kienu tbiegħdu sewwa allura kien hemm il-biża li l-ajruplani ma kienx se jkollhom fjuwil biżżejjed biex jaslu minn fejn kien hemm l-airstrips.



SQ LDR Kenneth Cross ġabar lil sħabu l-bdoti u qalilhom hekk: "F'idejna għandna żewġ għażliet – issa jew naħarqu l-Hurricanes flart u nipprovaw naħarbu jew inkella nipprovaw intiru biex nilħqu nsibu aircraft carrier viċin u ninżlu fuqa! Il-bdoti sħabu mingħajr ma qagħdu jaħsbuha, mill-ewwel qatgħuha li għandhom jipprovaw isalvaw. Kenneth Cross u sħabu l-bdoti kif ukoll l-għaxar Hurricanes li kien hemm, kienu kollha determinati li jsalvaw. Dawn ħallew l-airstrip u taru lejn fejn kien hemm stazzjonati l-aircraft carriers meta bdew jersqu viċin il-home fleet dawn ingħataw l-ordni li jinżlu fuq Hms Glorious li minn fuqa it-tajjar Swordfish apposta biex jigwidhom sal-Bastiment għall-bdoti ta' Kenneth Cross kienet l-ewwel darba li niżlu fuq aircraft carrier, huma rnexxielhom jinżlu kollha b'wiċċ il-ġid u b'hekk ġew salvati l-Hurricanes ukoll. Għalihom dan kienet xi ħaġa ta' sodisfazzjon kbir.

L-SQ LDR Kenneth Cross, tela' mill-ewwel fil-Captain Bridge, sabiex jirrapporta lill-Kaptan D'Oyly Hughes. Iżda meta daħal ħdejh Kaptan Hughes qallu: "Why did you take so long?" Għal Cross, din kienet l-merħba abbord li taħ il-Kaptan Hughes dan juri l-mod ta' kif Hughes kien jittratta lin-nies! Tant kien żorr ma' Kenneth Cross li lanqas biss ħadlu b'idejh wara li Cross tah rapport tal-inżul sodisfaċenti li kien għamel hu.

Minħabba li kwistjoni politika bdiet teskala bejn l-Ingilterra u Ġermanija, li N.S.D.A.P beda jagħmel dak li kien ilu li wiegħed snin qabel biex jaqa' trattat ta' Versailles.

L-Ingliżi kellhom jitterminaw il-movimenti kollha militari tagħhom fil-konfini u ibħra territorjali ta' pajjiżi oħra xi ħaġa li l-Ingliżi kien ilhom snin jużaw sa minn l-ewwel gwerra dinja bliskuża ta' trattat ta' Versailles. Dan il-movimenti militari kellu jispiċċa darba għal dejjem. Biex hekk tispiċċa wkoll il-ħakma Ingliża minn pajjiżi li kienu okkupati minnhom.

Żewġ battlecruisers, Scharnhorst u Gneisenau ġew ordnati biex jibdew ibaħħru bejn iż-żewġ pajjiżi jiġifieri l-Iskozja u Norveġja. Iżda għall-Ingliżi kienet problema din għax iż-żewġ battlecruisers kellhom jgħaddu mill-Artic Circle! Sadanittant fl-Ingliterra f'Bletchley park ġewwa Buckinghamshire.

Kien hemm Sir Harry Hinsley li dak iż-żmien kellu biss 20 sena kien jaħdem ta' intelligence analyst fuq il-code breakers. Dan kien jifforma parti minn grupp ta' studjużi li ngħataw il-karigu biex jaqraw u jsegwu radio activity u movimenti li l-bastimenti Ġermaniżi Hu kien irċieva xi messaġġi u kien infurmat li f'5 ta' Gunju 1940 mill-port ta' Keil fid-Danimarka salpaw żewg battlecruisers il-moviment ta' dawn iż-żewġ bastimenti kien jidher ta' min jagħti kasu minħabba l-fatt ukoll li dawn baqgħu ibaħħru b'rotta lejn Arctic Cirle. Din kienet ir-rotta minn fejn kellha tgħaddi l-flotta Ingliża lura bit-truppi min-Norveġja lejn Scapa Flow, Huma bdew javvanzaw b'ritmu mgħaġġel iżda skond xhieda ta' Harry dan il-messaġġ li daħal fis-sistema intelligence analyst Hinsley qal li ħadd ma ta' kasu!



F'6 ta' Ġunju 1940 inħoloq misteru li sal-lum ħadd m'għandu indikazzjoni jew hemm xi prova fuq id-deċiżjoni li ħa il-Kaptan tal-Glorious! Hu ddeċieda li l-HMS Glorious kienet se tħalli l-Home Fleet u flimkien mażżewġ destroyers Ardent u Acasta kienu se salpaw lejn Scapa Flow. Indipendament din id-deċiżjoni ittieħdet fit-3.30 a.m. Ħaġa oħra li baqgħet misterjuża kien il-fatt li għalkemm il-bastiment kellu ajruplani biżżejjed biex jittajru mal-madwar u jipprovdu protezzjoni lill-aircraft carrier, dawn ġew ordnati biex ma jittajrux fi triqithom lejn Scapa Flow fuq ordni ta' Guy D'Oyly Hughes.

Dan kollu ġie spjegat ukoll minn bdot tal-Gladiatior il-kien stazzjonat fuq Glorious. Dan kien il-bdot Dick Leggott wieħed li rnexxielu jibqa' ħaj fost dawk li waqgħu l-baħar wara li Glorious għerqet, Leggott qal li l-Glorious lanqas biss kellu biżżejjed ajruplani fuqu biex jiddefendi lilu nnifsu, aħseb u ara kemm kellu biżżejjed ajruplani għall-missjonijiet bħal dawn biex jgħin truppi fuq l-art jiġġieldu kontra l-għadu!

L-istess parir li kien ingħata minn John Heath qabel il-Glorious salpat minn scapa Flow. Il-bdot Leggott qal ukoll li D'Oyly kien tahom l-ordni biex iniżżlu l-Gladiators kollha isfel u jitneħħew minn fuq id-deck u l-ebda ajruplan ma kien se jtir fi triqithom lura! Hawn tinduna kemm dan il-Kaptan ma kellu l-ebda esperjenza ta' protezzjoni mill-ajru fuq l-aircraft carrier. Dick Leggott spjega kif hu u sħabu bdew jgħidu lil xulxin kif kienu se jagħmlu vjaġġ bħal dan bla protezzjoni mill-ajru! Iżda huma komplew bil-qadi ta' dmirijiethom u bdew iħottu torpedos li kienu armati bihom l-Gladiators u s-Swordfish kif ukoll il-Hurricanes li kien irnexxilu jsalvaw lil Kenneth Cross u sħabu l-bdoti.

Fl-artiku li jmiss se nidħlu eżatt f'aktar dettal fuq x'ġara mill-Glorious sa minn meta ħalliet il-Home fleet u telqet għal riħa Lejn Scapa Flow!

Jissokta

